**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz ASF 125/2021**

**EI (l-ilmentatur)**

**vs**

**BNF Bank p.l.c. (C 4103)**

**(il-Bank/il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tat-28 ta' Settembru 2022**

**L-Arbitru**

**Ra l-ilment fejn bazikament l-ilmentatur jghid:**

Illi wara li kien ilu tmien snin juza l-facilitajiet ta' *overdraft* b'limitu ta' €10,000, u *credit card* b'limitu ta' €5,000, il-Bank riedu jaqleb dawn il-kontijiet f'kont ta' self, u r-rapprezentanti tal-Bank mhux jaqblu bejniethom ghalfejn ghandu jsir dan.

Jghid li r-relazzjoni bankarja mal-Bank bdiet meta rapprezentanti tal-Bank zaru l-hanut tieghu, *XXX,* fil-Mosta, u offrewlu l-facilitajiet ta' *overdraft* u *credit card* abbinata mal-istess kont.

Fis-sena 2017 fizikament ghalaq il-hanut u beda jbiegh il-prodotti *online*; però, n-negozju ghadu jopera sal-lum u ghad ghandu klijenti li jixtru l-prodotti tieghu. Fl-istess zmien ix-xoghol principali tieghu sar ta' *'XXX'*.

Il-Bank kien gie infurmat b'dan tant li l-istess Bank baqa' jgeddidlu l-facilitajiet. Minhabba l-pandemija, id-dhul tieghu naqaslu tant li kien qieghed fuq il-*Covid wage supplement* tal-Gvern.

Jghid li wara tahdidiet mal-Bank kien qabel li l-facilitajiet ta' *overdraft* u l-uzu tal-*card* jinqalbu f'*loan,* izda ried li l-ispejjez u l-interessi addizzjonali jigu mnehhija (*waived*). Izid jghid li hu kien beda jaghmel xi depoziti meta gie infurmat li t-talba tieghu sabiex jigu mahfura dawn l-ispejjez ma kinetx giet accettata u kellu jhallas l-ammont dovut kollu.

Jghid li hu dejjem onora l-obbligi tieghu u l-Bank ma kienx qed jaghtih raguni valida ghad-decizjoni tieghu.

Jghid li bhala rimedju ried li l-Bank jerga' jaghtih il-facilitajiet li kellu u jiddeciedi hu meta jwaqqafhom. Irid ukoll li jasal f'kompromess ragonevoli li jaqblu fuqu iz-zewg partijiet.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid**:

Il-Bank irreveda l-ilment tas-Sur EI.

Is-Sur EI qajjem diversi kwistjonijiet fl-ilment tieghu li l-Bank qed jindirizza hawn taht:

1. Ragunijiet ghar-ristrutturar tal-facilitajiet

   Is-Sur EI qed jallega illi inghata numru ta' verzjonijiet konfliggenti dwar id-decizjoni tal-Bank li jirristruttura l-facilitajiet li kienu ghad-dispozizzjoni tieghu.

   Qabel xejn, il-Bank jikkonferma illi s-Sur EI ilu klijent tieghu sa mis-7 ta' Mejju 2014, fejn inghata zewg facilitajiet li huma dawk ta' '*Business Overdraft'* li tammonta ghal Eur10,000 u karta ta' kreditu. Il-Bank dejjem kien car illi dawn iz-zewg facilitajiet qed jinghataw lis-Sur EI b'konnessjoni mal-hanut miftuh mis-Sur EI gewwa l-Mosta. Dan jidher car fil-kuntratt ta' kreditu iffirmat bejn il-Bank u s-Sinjuri EI fejn il-Bank offra l-facilità ta' '*Business Overdraft' 'to provide the Borrower/s with funds for working requirements in connection with XXX in Mosta*'. Is-Sur EI gie infurmat f'diversi drabi li la darba inbidlet in-natura tax-xoghol, ir-ragunijiet ghall-approvazzjoni tal-'*Business Overdraft'* u l-karta ta' kreditu ma baqghux japplikaw.

   Barra minn hekk, is-Sur EI beda jesperjenza diffikultajiet finanzjarji li kienu ser jimpattaw l-abbiltà tas-Sur EI biex ihallas lura l-facilitajiet. Is-Sur EI

sahaq fl-ilment li bhalissa qed jibbenefika mill-*'Covid wage supplement'* minhabba nuqqas sostanzjali fid-dhul tieghu. Bl-istrutturar tal-facilitajiet b'self, is-Sur EI ser jibbenefika minn tnaqqis fil-hlas ta' kull xahar dovut.

2. Insistenza minn ufficjali tal-Bank biex jinfetah kont ma' BNF Bank

   Is-Sur EI qed jallega li l-kontijiet infethu sforz l-insistenza tal-ufficjali tal-Bank li zaruh fil-hanut li kien jopera fil-Mosta.

   Il-Bank qieghed jirribatti din l-allegazzjoni b'kull rispett dovut. L-ufficjali tal-Bank kienu zaru lis-Sur EI fejn spjegaw il-pakkett finanzjarju '*Micro Business Account'* flimkien mal-beneficcji li seta' jgawdi, bhalma l-Bank kien jaghmel ma' individwi ohra minn zmien ghal zmien, minghajr ebda insistenza jew tentattivi ta' pressjoni, kif qed jigi allegat mis-Sur EI. Is-Sur EI kien wera interess fil-prodott u wara diskussjonijiet dettaljati dwar dawn il-facilitajiet, bhalma jsiru ma' kull klijent prospettiv tal-Bank, is-Sur EI ressaq id-dokumenti mehtiega biex ikun jista' japplika ghal dawn il-facilitajiet. Kien f'dan il-waqt illi l-proceduri normali tal-Bank gew segwiti, meta giet sottomessa l-applikazzjoni.

   L-applikazzjoni giet approvata u d-dokumenti tal-ftehim ta' kreditu tal-*'Business Overdraft'* kif ukoll tal-karta ta' kreditu datati 15 ta' Mejju 2014, gew iffirmati mis-Sinjuri EI (anness 1 u anness 2).

3. Talba ghat-tnehhija ta' mizati u interessi addizzjonali

   Wara illi l-klijent kien mgharraf ghal diversi drabi, f'Settembru 2020, il-Bank iddecieda illi jikkonverti l-ammonti dovuti mill-*'Business Overdraft'* u l-karta tal-kreditu f'self. Dan sar ghal zewg ragunijiet, fejn il-Bank kien jaf illi s-Sur EI iddecieda li jaghlaq il-hanut tieghu fil-Mosta, kif ukoll il-problemi finanzjarji illi kien ghaddej minnhom is-Sur EI biex ihallas l-ammonti dovuti lill-Bank minn dawn il-facilitajiet. Is-Sur EI qatt ma accetta din il-proposta ghax ried ihalli l-kontijiet kif kienu. Wara numru ta' gimghat, il-limitu tal-*'Business Overdraft'* gie ezawrit u l-kont waqa' fid-debitu bl-ammont dovut lill-Bank.

   Inkluzi fid-dokumenti tal-ftehim ta' kreditu tal-*'Business Overdraft'* hemm klawsoli li jsemmu l-mizuri mehuda mill-Bank f'kaz ta' inadempjenza. Issir referenza ghall-klawsola numru 12, '*Default Consequences'* kif ukoll ghad-

dokument anness '*Events of Default*' (anness 1) fejn diversi klawsoli huma elenkati f'kaz ta' inadempjenza. Id-dokument ta' ftehim tal-karta ta' kreditu qed jigi inkluz (anness 2) fejn il-klawsoli f'kaz ta' inadempjenza qed jigu riflessi fi klawsola numru 11, '*Default Consequences*' kif ukoll fid-dokument anness, '*Events of Default*'.

'12. *Default Consequences*

> *The Facility/ies shall become instantly due and payable together with all interest and charges upon occurrence of any of the Events of Default listed in the attached form DOC_CRE_EVDEF_JAN2008_01.01 and upon receipt of Bank's first written demand.*
>
> *If an Event of Default listed in the documents annexed to this Agreement entitled 'Events of Default' takes place, the Bank reserves the right to terminate the business relationship pursuant to this Agreement and any sum outstanding to the Bank shall be immediately due and payable together with all interest, charges and expenses provided that the Bank is to give reasonable notice of such termination.'*

Qed issir referenza ghall-klawsoli mehuda mill-'*Events of Default*' li kienu l-bazi biex tigi proposta r-ristrutturar tal-facilitajiet:

'*h) The Borrower/s suspending or ceasing or threatening in suspending or ceasing to carry on its business, or*

*k) In the opinion of the Bank a material adverse change in the financial condition of the Borrower/s occurs, or*'.

Wara li l-kont tal-'*Business Overdraft*' gie ezawrit, u l-kont waqa' fid-debitu bl-ammont dovut lill-Bank, il-klawsola imsemmija hawn taht bdiet tapplika wkoll:

'*a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regarding the facility; or*'.

Matul ix-xhur li ghaddew, saru diversi tentattivi biex il-Bank jasal ghal kompromess fuq metodu miftiehem ta' pagament mas-Sur EI. Ghalkemm

minn zmien ghal zmien, is-Sur EI sahaq li ha jiffirma l-ftehim ta' kreditu l-gdid, dan qatt ma sar.

Dan l-ahhar, is-Sur EI insista fuq l-iffirmar tal-ftehim il-gdid tal-kreditu ladarba jkun hemm ftehim li l-interessi u l-mizati addizzjonali li jkunu saru jitnehhew.

F'diversi laqghat mas-Sur EI, kif ukoll komunikazzjoni bejn ufficjali tal-Bank u s-Sur EI permezz ta' *email* (anness 3), is-Sur EI kien gie infurmat li t-talba biex l-ispejjez jigu rrinunzjati ma ntlaqghetx. Dan ghaliex it-tariffi u interessi huma konformi ma' dawk imposti mill-Bank, u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim iffirmat lura fl-2014.

4. Talba ghal kompromess bejn il-Bank u s-Sur EI

Fl-ilment tieghu, is-Sur EI sahaq li xtaq jilhaq kompromess biex ikompli juza l-kontijiet kif kien il-ftehim originali.

Matul l-ahhar sena, saru diversi tentattivi biex jintlahaq kompromess u titjieb il-pozizzjoni tas-Sur EI. Il-proposta offruta mill-Bank qatt ma giet accettata mis-Sur EI. Saru diversi talbiet lis-Sur EI biex jissottometti proposta ta' hlas li tkun ideali ghalih (anness 4). Madankollu, l-Bank jixtieq jistieden lis-Sur EI biex jerga' jiddiskuti s-sitwazzjoni finanzjarja.

5. Konkluzjoni

Wara kunsiderazzjoni xierqa, il-Bank jixtieq jistieden lis-Sur EI biex jerga' jiddiskuti l-ghazliet disponibbli biex tinstab soluzzjoni ghall-kwistjonijiet finanzjarji kurrenti.

Madankollu, l-Bank mhux f'pozizzjoni li jissodisfa t-talbiet tas-Sur EI:

- Sabiex jibqa' juza l-'*Business Overdraft'* u l-karta ta' kreditu kif gew approvati fl-2014; u
- Ghat-tnehhija tal-mizati u interessi addizzjonali,

peress illi l-kundizzjonijiet li kienu gew spjegati lis-Sur EI mill-Bank u maqbula mieghu hekk kif inhuma stipulati fil-kuntratt tal-2014, illum m'ghadhomx japplikaw.

Fl-istess hin, il-Bank jitlob lis-Sur El biex jirrispetta l-ufficjali tal-Bank li jkunu lesti li jiltaqghu mieghu biex isibu soluzzjoni sodisfacenti.

Il-Bank jittama li din l-ittra tkompli ticcara l-pozizzjoni tieghu.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

**L-Arbitru jrid jideciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[1]

Fil-qosor, l-ilmentatur qed jissottometti li hu kellu *overdraft facility* u kont ta' *credit card* mal-Bank li dan ghalaqlu minghajr raguni valida. Il-Bank ried li dawn il-facilitajiet jigu konvertiti f'*loan* li l-ilmentatur kontra qalbu kien lest li jaccetta basta l-Bank ma jiccargjahx bi '*spejjez u interessi addizzjonali*'.

Min-naha tieghu, il-Bank jghid li lill-ilmentatur il-Bank kien ghenu bis-shih u meta ra li l-ilmentatur ma kienx qed jiddepozita bizzejjed fil-kontijiet ezistenti tieghu, issuggerixxa li jsir kont wiehed ta' self biex b'hekk l-ilmentatur ikollu hlas wiehed u anke jiffranka mill-imghaxijiet. Jghid ukoll li minhabba c-cirkostanzi difficli tal-ilmentatur, il-Bank stenna aktar min-normal biex jithallas lura, u flok ha azzjoni legali, offra lill-ilmentatur triq biex ihallas u jaqta' d-dejn u ma jibqax jehel hafna imghaxijiet zejda.

L-Arbitru jrid jara jekk l-ilment hux gustifikat billi jara kif mexa l-Bank mieghu u jekk kellux ragunijiet validi biex iwaqqaf il-facilitajiet li kellu l-ilmentatur .

Il-Bank ta diversi ragunijiet ghalfejn ried jirristruttura l-kontijiet tal-ilmentatur. Fir-risposta tieghu, il-Bank jghid li l-ilmentatur kellu diffikultajiet finanzjarji li kienu ser jaghmluha difficli ghalih li jhallas lura l-facilitajiet.

Mix-xhieda li tat **Lorna Vella Aquilina** jirrizulta li r-relazzjoni mal-ilmentatur kienet wahda tajba ghall-bidu izda gie zmien fejn, fl-ahhar *review* li kienu ghamlu, irrizulta li l-ilmentatur kellu nuqqas ta' dhul u, ghalkemm il-*Branch* tal-

---

[1] KAP. 555, Art. 19(3)(b)

Mosta issuggerixxa li l-facilitajiet jergghu jiggeddu, il-*Head Office* raw li kellu jinstab mezz alternattiv kif l-ilmentatur jibda jhallas lura lill-Bank.[2]

Ix-xhud spjegat li huma riedu li jibqa' jkollhom relazzjoni tajba mal-ilmentatur u, peress li hu kien lahaq il-massimu tal-kreditu li seta' juza, u kien qed jiddepozita biss ftit flus, allura, l-*overdraft* u l-*card* ma kienu ser jiswewh xejn galadarba kien lahaq il-limitu taghhom. Riedu jsibu mezz biex il-bilanci li kienu lahqu l-massimu tal-limitu jibdew jithallsu lura billi jitqassmu f'pagamenti fix-xahar. Il-ftit flus li kien jiddepozita l-ilmentatur kien qed jehodhom lura u, allura, kien ser jibqa' ghaddej bl-imghax b'rata gholja kemm fuq l-*overdraft* kif ukoll fuq il-*card,* u dan lanqas ma kien ta' beneficcju ghall-ilmentatur.

Ghalhekk, il-Bank offra lill-ilmentatur forma ta' self (*loan*) u tawh l-itwal *term* possibbli biex ihallas lura l-bilanc li kien akkumula. Fil-fatt, tawh perjodu ta' seba' snin biex il-pagamenti jiguh aktar baxxi. Barra minn hekk, l-ilmentatur kien ser igawdi minn rohs fil-*fees* ghax ir-*renewal* tal-*overdraft* kien ta' €100 fis-sena mentri bhala *loan* kien ser ihallas €40 darba biss.

*'Jigifieri, as such, being li ma kienx baqa' beneficcju ghax ma kienx baqa' bilanc x'jutilizza, konna qed immorru ghall-irhas mod kif tista' tithallas lura l-facilità li kellu.'*[3]

Barra minn hekk, meta l-*Head Office* qies li l-ilmentatur kellu facilitajiet u pagamenti ma' banek ohra, mill-*workings* li ghamel ra li l-ilmentatur kien ser isibha difficli biex ihallashom lura l-bilanci ta' debitu li kien bena maghhom. Is-soluzzjoni tal-*loan* kienet l-unika soluzzjoni possibbli ghaliex li kieku ma sarx hekk, l-ilmentatur kien ser izomm l-oghla debitu fuq il-kontijiet tieghu u jibqa' jehel l-imghax fuqhom minghajr ma jkun qed ihallas xejn mid-debitu li kellu.

Ix-xhud tghid li f'dan l-istadju l-ilmentatur ma bediex jikkopera mal-Bank. Dan gie ikkonfermat ukoll minn **Luke Bonello** li kien *Head tar-Recoveries u Rehabilitation Unit.*

Dan ix-xhud semma' wkoll li fl-2021 l-ilmentatur kellu xi problemi personali u, ghalhekk, ra kif ghamel biex lill-ilmentatur jaghtih ic-cans:

[2] P. 148
[3] *Ibid*.

*'Irrid nirrimarka li fi Frar 2021, il-procedura kif nimxu ahna l-Bank, kienet digà jimmerita li tinhareg Legal letter, izda minhabba s-sitwazzjoni kif kienet, konna gebbidna u konna tajna aktar cans lis-Sur El'*.[4]

Il-Bank stenna sa Mejju, u meta kellmuh, offrewlu li jekk jaccetta li jsir l-istrutturar tal-*loan*, kienu ser jaghtuh tliet xhur *moratorium* u jibda jhallas minn Settembru. L-ilmentatur m'accettax din l-offerta ghaliex hu kien qed jistenna li ma jhallasx il-*fees* dovuti u l-imghaxijiet:

*'Is-Sur EI kellu problema bil-fees u bl-interessi. Ghidtlu li l-interessi huma xi haga li huma dovuti zgur lill-bank ghaliex huma parti sostanzjali ghalfejn il-bank isellef il-flus. Kont ghidtlu li jekk jaccetta l-istrutturar kont lest jien personali li naghmel proposta lil higher up il-bank li hemm kemm hemm fees naraw x'konna lesti li naghmlu minnhom'.*[5]

L-ilmentatur lanqas accetta din l-offerta u nizel il-*Branch* tal-Mosta u kien involut f'incident fejn anke gew imsejha l-pulizija u anke eskortawh minn hemm.[6]

Ix-xhud izid jghid li min-naha tieghu kien anke irriversjalu xi *fees*:

*'Min-naha tieghi kont irriversjajtlu b'€60 fees, jigifieri, l-ammont globali li gie incurred minn Novembru 2020 meta bdiet id-delinquency sal-lum. Nghid li mill-2020 sal-lum, ic-charges huma €630 izda trid tnaqqas is-€60 li rriversjajtlu. Matul dan il-perjodu kien wehel €1,300 imghax kemm fuq il-credit card u kemm anke fuq l-overdraft, wehel €1,700 imghax'.*[7]

Li kieku l-ilmentatur accetta l-istrutturar kien jiffranka €600.[8] Ix xhud izid jghid li fl-ahhar sena kemm ilu ghandu l-*file* tal-ilmentatur dan hallas biss zewg pagamenti ta' €200-il wiehed. Mistoqsi jekk l-ilmentatur kienx qed ihallas *charges* zejda, ix-xhud wiegeb li le, ghaliex ic-*charges* li qed jehel huma dovuti ghall-fatt li l-ilmentatur ma kienx qed ihallas, u dan skont is-*sanction letter* ta' meta wiehed ikun '*in default*'.

[4] P. 151
[5] *Ibid.*
[6] P. 152
[7] *Ibid.*
[8] *Ibid*.

Ix-xhud **Elmer Grech**[9] ikkorrabora dak li qalu z-zewg xhieda l-ohra u zied jghid li kien hemm zmien fejn l-ilmentatur qallu li kien ser jiffirma l-ftehim tal-istrutturar u qallu biex jaghtuh kopja biex tiffirma l-mara tieghu ukoll, izda din kienet tmur kontra l-prassi tal-Bank li ried li l-firem isiru quddiemu. L-ilmentatur anke wieghed li kien ser jiddepozita €500 izda ma ddepozita xejn.

Ix-xhud spjega wkoll:

'*Fil-verità, il-kont meta gie ghandi, kien digà in default bhala number of days f'termini bankarji li ma tistax thallih ma taghmel xejn; però, f'dan il-kaz, f'affarijiet ta' sahha, hadtha fuqi u rreferejt mal-Head tieghi, ma' Luke, biex ma mmorrux ghal Legal Action meta l-klijent sostna u pprovdielna dokumentazzjoni li hemm xi haga ta' sahha. Ovvjament trid tidhol l-etika umana. Mhux etika li tmexxi azzjoni legali kontra xi hadd li qed ibati xi haga ta' sahha'.*[10]

L-ilmentatur ma ikkontesta xejn minn dan fix-xhieda tieghu u, skont hu, r-raguni li l-Bank kien ghalaqlu l-kontijiet kien ghaliex ghalaq il-hanut u mar *online*. Izda din ir-raguni mhix sostenibbli ghaliex filwaqt li l-hanut kien ghalqu fl-2017, sas-sena 2020 il-Bank kien hallielu l-facilità tal-*overdraft* u l-*credit card*.

Jghid ukoll li l-impjegati tal-Bank tawh verzjonijiet differenti ghalfejn riedu jirristrutturaw il-kontijiet tieghu. Izda lanqas din ma hi verzjoni konvincenti ghaliex ix-xhieda tal-Bank kienu konsistenti li r-raguni vera ghalfejn riedu jikkonvertulu l-kontijiet ghal wiehed ta' *loan* kienet ghaliex l-ilmentatur ma kienx qed jaghmel pagamenti bizzejjed u, peress li kellu kontijiet ohra ma' banek ohra, kien hemm ir-riskju li l-Bank ma jithallasx id-djun li kellu mal-ilmentatur.

## Konkluzjoni u decizjoni

Meta l-Arbitru analizza sew il-provi li gabu l-partijiet jirrizultalu li l-Bank agixxa fil-limiti tieghu sabiex jilhaq ftehim mal-ilmentatur sabiex dan ma jkomplix izid id-dejn tieghu mal-Bank,u ma jkomplix jehel imghax u spejjez zejda.

L-Arbitru jqis li l-agir tal-Bank kien wiehed professjonali u skont prattika bankarja tajba. Il-Bank ma hax id-decizjoni tieghu li joffri lill-ilmentatur li l-facilitajiet ta' *overdraft u credit card* jigu maqluba f'*loan* b'mod kapriccuz jew sproporzjonat.

[9] P. 144 *et seq*
[10] P. 146

L-Arbitru hu tal-fehma li din kienet l-ahjar soluzzjoni li seta' joffri l-Bank fic-cirkostanzi specifici ta' dan il-kaz.

L-Arbitru jidhirlu li Bank mexa b'mod professjonali meta mhux biss offra li l-*loan* tithallas fuq l-itwal zmien possibbli biex ir-rati tal-pagamenti ikunu baxxi, izda kien lest ukoll li jikkonsidra li jinhafru xi *charges* li kienu dovuti.

Il-Bank dam ukoll, aktar mis-soltu, biex baghat ittra legali lill-ilmentatur biex ihallas id-dejn tieghu ghaliex qies ragunijiet ta' sahha li kellu l-ilmentatur. U hawn l-Arbitru ma jistax ma jinnutax il-mod uman li bih agixxew l-impjegati tal-Bank, specjalment Elmer Grech, li kien lest li jerfa' certa responsabbiltà, ghaliex skont hu hass li fejn jidhlu affarijiet ta' sahha dawn ghandhom jipprevalu fuq kull haga ohra:

***'Mhux etika li tmexxi azzjoni legali kontra xi hadd li qed ibati b'xi haga ta' sahha'.***

**L-Arbitru ma jistax ma jfahharx dan l-agir li ghandu jkun ta' ezempju ta' kif ghandhom jitmexxew l-affarijiet f'cirkostanzi fejn l-umanità u l-esigenzi ta' sahha ghandhom jirbhu fuq kull konsiderazzjoni ohra.**

L-Arbitru jinnota wkoll li l-Bank ghamel diversi attentati u dahal fi djalogu pjuttost twil sabiex jara kif jilhaq kompromess mal-ilmentatur flok li jmexxi legalment kontrih, kif legalment kellu kull dritt li jaghmel. Barra minn hekk, it-termini li offra l-Bank ghall-hlas lura tal-bilanc favorih kienu aktar vantaggjuzi ghall-ilmentatur flok li jzomm il-facilitajiet li kellu u jehel imghax u *charges* oghla.

L-Arbitru ma jistax jordna li l-Bank ma jiehux l-imghaxijiet dovuti lilu ghaliex il-Bank jislef flus id-depozitanti tieghu sabiex jiggenera l-imghax li jkopri l-ispejjez tieghu u jikkontribwixxi ghall-qligh tieghu. Ic-*charges* huma wkoll parti mill-facilità li joffri l-Bank u, f'dan il-kaz, dawn johorgu mill-ftehim li kellu l-Bank mal-ilmentatur meta inghata l-facilitajiet.

*Decizjoni*

**Ghar-ragunijiet kollha moghtija f'din id-decizjoni, l-Arbitru jiddeciedi li ma jsib xejn hazin fil-kondotta tal-Bank fil-konfront tal-ilmentatur u qed jichad l-ilment.**

**Izda fl-ispirtu li wera l-Bank li jikkopera mal-ilmentatur peress li kellu problemi ta' sahha f'certu zmien matul ir-relazzjoni tieghu mal-Bank, f'sens ta' solidarjetà umana, l-Arbitru jirrakkomanda lill-Bank sabiex dejjem fid-diskrezzjoni tieghu jara liema *charges* jista' jnaqqas lill-ilmentatur sabiex jigi ffirmat il-ftehim ta' *loan* u l-ilmentatur jibda jhallas id-dejn tieghu mal-Bank.**

**Din ir-rakkomandazzjoni hija wahda fakultattiva u ma torbotx lill-Bank, izda l-Arbitru jinkoraggixxiha.**

**Minhabba n-natura tal-kaz kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**